buġ il-festa prinċipali hija dedikata lil San Filep imma s-soċjetà San Ġużepp torganizza festa sabiħa oħra, magħrufa sew għan-nar talart. Fil-Kalkara ż-żewġ soċjetajiet jorganizzaw il-festa ta' San Ġużepp. Naturalment ir-rabta bejn San Ġużepp u l-Familja Mqaddsa hija waħda naturali. Imma ma stajtx ma nistaqsix lil Duncan Brincat dwar din l-Imħabba lejn is-Sagra Familja fil-Kalkara u qalilna hekk:

"Is-sena 1921 kienet ser tkun waħda speċjali għall-Kalkariżi għax matulha kienet ser tiġi kkonsagrata l-Knisja Parrokkjali. Għaldaqstant, il-Kumitat taċ-Circolo San Giuseppe kkummissjona statwa titulari ġdida ta' San Ġużepp mingħand l-istatwarju Wistin Camilleri. Dan il-ġest wassal biex il-każin oppost, Circolo Nazionale, li kien iħaddan prinċipji differenti, jordna statwa ta' Malta Rebbieħa biex permezz tagħha jkun jista' jsir marċ madwar it-toroq. Il-Kumitat ta' Circolo San Giuseppe minnufih ħareġ bil-ħsieb li jordna statwa tas-Sagra Familja anki sabiex jibqa' mal-istess tema tal-festa Ġużeppina. L-ewwel statwa saret mill-iskultur Fredu Azzopardi, u ż-żewġ statwi tas-Sagra Familja u Malta Rebbieħa ħarġu b'dimostrazzjoni fit-toroq f'marċ separat fl-istess ġurnata, il-Ġimgħa 8 ta' Lulju 1921"



Kif diġà aċċennajt għaliha l-qalb ta' soċjetà mużikali, għalija, hija l-mużika. F'Paġna 85 insibu kapitlu dwar Mro. Lorenzo Gonzi. Issa Mro Gonzi tana (u hawn ngħidha bla tlaqliq li qed ngħid "tana" bħala Malti), bosta innijiet sbieħ li xi wħud minnhom insibuhom fuq CD li kienet ħarġet is-soċjetà "Bejn storja u melodija". Imma forsi b'rabta aktar viċin il-Kalkara, u l-Festa, insibu l-Innu Marċ tas-Sagra Familja u anke, ftit differenti, l-Antifona li nazzarda ngħid li hija waħda mill-isbaħ. M'inix sorpriż fil-fatt li dan l-awtur iddedika kapitlu għal Mro Gonzi. Meta ssir riċerka normalment l-awturi jiskopru dawk l-oqsma li ma jkunux jaqgħu fil-qafas ta' dak l-istudju imma jintebħu li hemm bżonn ta' ktieb ieħor. Ma stajtx ma nitkellimx mas-Sur Brincat allura fit-tul dwar ix-xogħol ta' Mro Gonzi.

"Mro. Lorenzo Gonzi għandu ismu marbut mal-Kalkara u mas-Soċjetà, iżda bħala kompożitur prolifiku li kien, il-mużika tiegħu nxterdet f'diversi bliet u rħula oħra tant li ċertu innijiet u antifoni għadhom meqjusa bħala l-iprem xogħolijiet għalihom. Nemmen li għalkemm iżjed kitba u riċerka dwar Mro. Gonzi hija meħtieġa, huwa ferm importanti li l-ġens Malti jkompli jduq il-benna tal-kompożizzjonijiet tiegħu. Il-Banda Sagra Familja ħarġet żewġ rekordings b'marċi ta' Mro. Gonzi matul l-aħħar snin, iżda fadal ħafna iżjed mużika, inkluż dik liturġika u sagra, li tkun ta' fejda jekk issib ruħha rrekordjata b'mod permanenti."

Kontribut kbir ieħor talkażini tagħna lejn l-arti huwa dak permezz ta' statwi, bandalori, pitturi u ħafna xogħol ieħor. U dan mhux inqas għall-Każin Sagra Familja. Hawn insibu bosta statwi, ibda mill-istatwa artistika tas-Sagra Familja u ħafna oħrajn

"Il-Każin tas-Sagra Familja huwa ferm magħruf fejn jidħol armar artistiku, kemm dak li jmur lura għal diversi snin, kif ukoll dak riċenti. Kienu bosta dawk l-artisti rinomati li taw sehmhom f'dawn l-opri tal-arti. Fejn jidħlu statwi, minbarra dik preżenti tas-Sagra Familja xogħol Wistin Camilleri fl-1945, insibu ukoll sett ta' anġli tal-istess statwarju, sett ta' Patrijarki xogħol Alfred Camilleri Cauchi u statwa ta' San Ġużepp replika ta' dik titulari meqruda fil-gwerra xogħol Michael Camilleri Cauchi fost l-oħrajn."

## Il-bidla fl-ambjent tal-madwar

Mill-mużika u l-Festa nerġa' ndur naqra dwar l-ambjent tal-madwar, fejn jgħixu n-nies. Jekk tqalleb ftit ir-ritratti uniċi li nsibu f'dawn il-volumi nsibu ritratti mill-isbaħ ta' toroq fil-Kalkara matul is-snin. It-toroq huma parti mill-ambjent ta' madwarna. Sabiex hejja dan il-ktieb l-awtur wettaq bosta riċerki. Iżda qabel nitkellem iżjed dwar dan ma nistax ma nirreferix għal rwol li għandu l-awtur f'assoċjazzjoni li hija differenti ħafna minn dik tas-soċjetà; u hawn qed nirreferi għal Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara. Din hija assoċjazzjoni qabel xejn ċivili, m'għandha ebda rabta la mal-każini u lanqas mal-Knisja. Biss iżżomm fil-prijoritajiet tagħha wkoll l-arti, fosthom l-arti sagra li hemm fil-Parroċċa San Ġużepp. L-awtur qalilna hekk:

Bħala fundatur tal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara, wieħed mill-ewwel proġetti



li ħdimna fuqu kien propju rapport sabiex issir bidla fl-isem ta' dawk it-toroq li m'għandhomx isem jew oħrajn li huma ta' anomalija. Din il-ħidma qed tittwettaq mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Dawn it-toroq illum qed jingħataw isem li għandu x'jaqsam direttament mal-istorja jew it-topografija tal-lokalità.

Laqatni ritratt tal-bidu tas-seklu 20, f'paġna 82 li fih naraw preżenza mdaqqsa ta' nies għall-festa f'raħal daqstant żgħir. Irrid nammetti li kont ftit sorpriż. Fatt kurjuż huwa li għal xi żmien limitat, sakemm twaqqfet mill-Kappillan Dun Ġużepp Ciangura, fil-Kalkara kienet issir il-ġostra. Interessanti mmens. Dwar dan is-Sur Brincat qalli:

Sa mit-twaqqif tagħha, il-festa tal-Kalkara kienet issir fit-tieni Ħadd ta' Lulju. Dan il-fattur kif ukoll il-mod ta' kif il-Kalkara tinsab imqassma b'mod ġeografiku, kienu wasslu biex din issir popolari anki man-nies li jgħixu fil-bliet u rħula tal-madwar. Il-ġostra kienet issir minħabba li l-purċissjoni kienet tgħaddi mix-xatt tal-Kalkara, u minn naħa l-oħra din id-daħla kienet tkun miżgħuda bl-opri tal-baħar jassistu għal dan l-avveniment annwali.

## Konklużjonijiet

Tkellimna dwar il-mużika, l-arti, l-festa imma wara dawn kollu hemm bosta voluntiera. Minn dawk li baqgħu jissemmew sa oħrajn li nazzarda ngħid li għajr xi wħud fil-lokal forsi ftit jafu bihom imma ta' min wieħed juri rikonoxximent lejn ħidmiethom. F'dan il-ktieb insibu nies li ħallewna u oħrajn li għadhom magħna: Membri tal-kumitati, voluntiera u oħrajn. Nibqa' nisħaq dwar l-importanza li nuru dan ir-rikonoxximent u dwar dan tkellimt mal-awtur li qalli hekk:

Hawn ippermettili nislet dak li Ċiċerun qal, "Nistudjaw l-istorja mhux biex inkunu għaqlin fi żmien ieħor, iżda biex inkunu għorrief dejjem". L-għan ta' dan il-ktieb huwa propju dak li ngħarfu l-kisbiet li saru fl-imgħoddi, li kollha twettqu minn persuni differenti li ħadmu fil-kollettiv, ngħożżuhom, filwaqt li flimkien nippreservawhom għall-ġejjieni. Dan hu l-messaġġ għaż-żgħażagħ u anki mhux: flimkien inkomplu naħdmu biex insaħħu wirt missirijietna.

Persważ li dan il-ktieb se jkun ta' siwi għal dawk kollha li jixtiequ jkunu aktar infurmati dwar dak li għandu x'jaqsam mal-istorja, tradizzjonijiet u kultura tagħna l-Maltin. Hawn ħafna Maltin dilettanti tal-festi tagħna, jew anke forsi qrib ħafna ta' xi soċjetà mużikali, u hawn ħafna oħrajn li tinteressahom l-istorja tagħna u dawn kollha nħeġġiġhom li jakkwistaw dawn iż-żewġ volumi tassew sbieħ.